**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Ahmed Ali**

**Fahed Ajjan**

**Kumpilazzjoni Numru: 694/15**

**Illum 9 ta' Dicembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Christopher Schembri (KI 556983M), Ahmed Ali (KI 40087A) u Fahed Ajjan (KI 122817A):

1. Akkuzat Christopher Schembri fil-kapacità tieghu ta' personali u/jew bhala direttur tal-kumpanija World Plastering Limited, u Ahmed Ali u Fahed Ajjan talli fil-kapacità taghhom personali u/jew bhala persuni li jhaddmu talli fl-1 ta' Awwissu, 2014 matul il-gurnata, f'Vincenzo Borg Brared Boys' Secondary School, Ta' Paris/Birkirkara b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguaw il-mewt ta' Kasim Ibrahim u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jharsu is-sahha u sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1)(2) tal-Att 27/2000 Kap 424;

3. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir,

evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attvitià tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsdiraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol inwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

4. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhalma hu fid-dmir ta' persuni li jhaddmu naqsu milli jaghtu nformazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dawr ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà li huma maghrufa minn min ihaddem u li huma prezenti fil-post tax-xoghol in generali, kif ukoll fejn jidhol kull stazzjon tax-xoghol individwali, u fejn jidhol xi tip ta' xoghol jew attività ta' xoghol asenjata, il-mizuri preventivi u protettivi mehtiega fejn jidhlu rriskji kollha identifikati u l-proceduri li ghandhom ikunu segwiti fil-kaz ta' periklu serju u imminenti prezenti fuq ix-xoghol, inkluz dwar l-

evakwazzjoni tal-haddiema, dan ai termini ta' l-artikolu 12 tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

5. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li kull haddiem jircievi tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonjiet specifici ghall-istazzjon tax-xoghol u ghax-xoghol assenjat fil-mument ta' l-ingagg, fil-kaz ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xoghol, fil-kaz ta' introduzzjoni ta' taghmir tax-xoghol gdid jew bidla fit-taghmir, ma' l-introduzzjoni ta' xi teknologija gdida u mal-introduzzjoni ta' prassi tax-xoghol gdida u dan ai termini tal-artikolu 14 ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

6. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqsu wkoll li jizguraw li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal

ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-access u arnessi ta' sigurtà jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurtà. Naqsu wkoll li jizguraw li poggamani ta' protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg. 5 tal-Iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

7. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamlu uzu minn 'scaffold' li ma kienx ippjanat jew mibni sewwa, tali li l-haddiema jkunu protetti, u wzati b'tali mod li jkun evitati li nies jaqghu jew li jkunu esposti ghal waqghat, jew ikun esposizzjoni ghal waqghat ta' oggetti fost affarijiet ohra u dan skond il-bzonnijiet minimi u specific ghal postijiet tax-xoghol kif stipulat fi Skeda IV (Taqsima B, Sezzjoni II) artikoli 6.1 u 6.2 fl-A.L. 281/04 (S.L. 424.29);

8. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jiehdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-progett dwar dak li ghandu x'jaqsam mas-

sahha u sigurtà u dan ai termini ta' artikolu 8 (b) ta' A.L. 281/04 (S.L. 424.29);

9. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacità taghkom ta' persuni li jhaddmu li jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-dispozizzjonijiet specifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jizguraw li fejn hemm il-presenza ta' aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqsu wkoll li jistabilixxu l-kundizjonijiet ta' uzu ta' taghmir protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehdu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizguraw li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqsu li jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u

jizguraw li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqsu milli jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant ghas-Sahha u s-Sigurtà tal-Haddiema u dan ai termini tal-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1)(2), 11 u 17 tal-A.L. 121/03 (S.L. 424.21);

10. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jaraw li stallazzjonijiet ikunu ddisinjati, mibnija u wzat b'tali mod li ma jipprezentaw ebda periklu ta' nar jew esplozjoni u l-persuni ghandhom ikunu protetti adegwatament kontra r-riskju ta' xokkijiet kkawzati minn kuntatt dirett jew indirett u dan ai termini ta' artiklu 2.1, Skeda IV (parti A) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L. 424/29);

11. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jakkwistaw u/jew juzaw u/jew jippermettu li jintuza apparat tax-xoghol li, jkun jaqbel mal-bzonnijiet minimi stipulati fl-Iskeda u dan ai termini ta' artiklu 4 (2) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).

12. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li fejn is-sigurtà ta' l-apparat tax-xoghol tkun tiddependi fuq il-kondizzjonijiet ta' l-istallazzjoni, dak it-taghmir ghandu jkun soggett ghal ispezzjoni tal-bidu u ghal spezzjoni wara l-assemblagg f'post gdid minn persuni kompetenti, biex ikun zgurat li l-apparat tax-xoghol ikun gie stallat sew u jkun qed jahdem sew. Naqsu milli jizguraw li apparat tax-xoghol espost ghall-kondizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li jista' jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu spezzjonijiet perjodici u, meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti, spezzjonijiet specjali minn persuni kompetenti kull darba li jsehhu cirkostanzi eccezzjonali li jistghu jipperikolaw is-sigurtà tal-apparat tax-xoghol, bhal xoghol ta' modifika, incidenti, fenomeni naturali jew perijodi twal ta' inattività, sabiex ikun zgurat li jinzammu kondizzjonijiet tas-sahha u s-sigurtà u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tinkixef u tigi rimedjata fil-pront u dan ai termini tal-artikolu 5 (1)(2)(3)(4) u (5) ta' A.L. 281/2004 (S.L. 424.29)

13. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-haddiema jkollhom ghad-disposizzjoni taghhom informazzjoni adegwata u, meta jkun mehtieg, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xoghol li jintuza f'xoghlhom u dan ai termini ta' l-artikolu 8 tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

14. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex jizguraw li dawk il-haddiema li jinghataw l-inkarigu li juzaw apparat tax-xoghol, jinghataw tahrig adegwat inkluz tahrig dwar kull riskju li dak l-uzu jista' jkun jinvolvi u dan ai termini ta' l-artikolu 9 tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

15. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu access ta' malajr ghall-ewwel ghajnuna meta din tkun mehtiega billi jipprovdu taghmir u facilitajiet li jkunu adegwati u adatti fic-cirkostanzi u li jinkludu kaxxa ghall-ewwel ghajnuna. Naqsu wkoll li jipprovdu facilitajiet ghall-ewwel ghajnuna meta l-

**impjegati jintbaghtu jahdmu barra mill-post normali tax-xoghol principali taghhom u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1)(2)(3)(4) u 7 tal-A.L. 11/2002 (S.L. 424.13).**

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar 2020 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputati u cioè:

1. Fl-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 6(1), 6(2), u 38 tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-xoghol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fir-regolamenti 4, 5, 6, 10, 18 u 21(1) tal-Avviz Legali 36 tal-2003 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-

Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol - Legislazzjoni Sussidjarja 424.18);

4. Fir-regolamenti 4, 5, 6, 12, 18 u 21(1) tal-Avviz Legali 36 tal-2003 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol - Legislazzjoni Sussidjarja 424.18);
5. Fir-regolamenti 4, 5, 6, 14, 18 u 21(1) tal-Avviz Legali 36 tal-2003 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol - Legislazzjoni Sussidjarja 424.18);
6. Fir-regolament 5 tal-Iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviz Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) - Legislazzjoni Sussidjarja 424.29)[1];
7. Fir-regolament 6 tal-Iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviz Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) - Legislazzjoni Sussidjarja 424.29)[2];

[1] Kif kienet il-ligi fi zmien ir-reat. Din il-ligi giet sostitwita permezz ta' Avviz Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurta` tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.36)

[2] Ibid

8. Fir-regolamenti 5, 6 u 8(b) tal-Avviz Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Mnimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.29)[3];
9. Fir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Avviz Legali 121 tal-2003 (Regolamenti dwar Rekwiziti Minimi ghall-Uzu ta' Taghmir Protettiv Personali fuq ix-Xoghol – Legislazzjoni Sussidjarja 424.21), u fl-artikolu 6(4) tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fir-regolament 2 tal-Iskeda IV (Parti A) tal-Avviz Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi tas-Sahha u s-Sigurtà tax-Xoghol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.29[4];
11. Fir-regolamenti 3, 4 u fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (Regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.30[5];

[3] Ibid
[4] Ibid
[5] Kif kienet il-ligi fi zmien ir-reat. Din il-ligi giet sostitwita permezz ta' Avviz Legali 293 tal-2016 (regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Htigiet Minimi ghas-Sahha u s-Sigurta`) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.35)

12. Fir-regolamenti 3, 5(1) u 5(2) tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (Regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.30[6];
13. Fir-regolament 8 tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (Regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.30[7];
14. Fir-regolamenti 3 u 9(a) tal-Avviz Legali 282 tal-2004 (Regolamenti dwar Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha) – Legislazzjoni Sussidjarja 424.30[8];
15. Fir-regolamenti 4, 7 u 14(1) tal-Avviz Legali 11 tal-2002, kif emendat bl-Avviz Legali 348 tal-2011 (Regolamenti dwar l-Ewwel Ghajnuna fuq il-Post tax-Xoghol – Legislazzjoni Sussidjarja 424.13); u
16. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-proces verbal bin-numru 313/2015 redatt mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D;

---

[6] Ibid
[7] Ibid
[8] Ibid

Rat id-digriet moghtija fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 2023 fejn din il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza kontenuta fil-verbal tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena 2023 u cioè ddikjarat li sejra tiskarta x-xhieda ta' Clinton Cachia ghal dak li jirrigwardja d-dikjarazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-imputati Ahmed Ali u Christopher Schembri u tiskarta wkoll ix-xhieda moghtija lill-espert nominat fl-inkjesta Dr Robert Musumeci ta' Christopher Schembri, Ahmed Ali u Ajjan Fahed u kwalunkwe konkluzjoni raggunta minn tali xhieda;

Rat l-atti kollha kif ukoll is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

## <u>IKKUNSIDRAT</u>

Semghet ix-xhieda tal-<u>**Ispettur Sandra Zammit**</u> li pprezentat certifikat tat-twelid tal-imputat Christopher Schembri, Personal Details Form tal-imputat Ahmed Ali, Personal Details Form tal-imputat Ajjan Fahed u fedina penali tal-imputati. Ipprezentat ukoll dettalji tal-vittma skont il-PIRS stante li huwa barrani u ghalhekk ma jezistix Att ta' Twelid.

Illi xehed **PL Quentin Tanti** inrapprezentanza tal-MFSA u r-Registratur tal-Kumpanija fi hdan l-istess MFSA. Ipprezenta Memorandum and Articles of Association tas-socjetà Ta' World Plastering Limited (C-52132) liema socjetà kienet giet registrata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena 2011. Jghid li dak iz-zmien id-diretturi, shareholders, company secretaries u rapprezentanti legali u gudizzjarji kienu zewg (2) individwi u cioè Christopher Schembri u Nazzareno sive Reno Scicluna. Jghid li Nazzareno Scicluna rrezenja mill-karigi kollha fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena 2012 u dana billi biegh is-sehem tieghu lil Christopher Schembri. Izid jghid li fil-hamsa (5) ta' April 2012 inbidel l-indirizz tas-socjetà filwaqt li tali Memorandum and Articles of Association kien gie revizzat. Jghid li l-imputat Christopher Schembri kien direttur fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena 2014.

Illi xehed **Joseph Saliba** inrapprezentanza tal-ETC li jghid li kien gie mitlub jaghti rendikont tal-istorja tal-impjieg ta' Chirstopher Schembri (ID 556983M), Ahmed Ali (ID 40087A), Fahed Ajjan (ID 122817A) u ta' Ibrahim Kasam. Jixhed li l-unika persuna li telghet

fis-sistema kienet Christopher Schembri u li tali storja tal-impjieg gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. JS1.

Illi xehed **Clinton Cachia** inrapprezentanza tal-OHSA li jghid li madwar nofsinhar fl-ewwel (1) t'Awwissu 2014 kien gie infurmat mill-Ispettur Priscilla Caruana li kien ghadu kif sehh incident gewwa l-iskola Vincenzo Borg Braret li jinsab fi Triq Ta' Paris, Birkirkara. Jghid li meta mar fuq il-post gie infurmat li kien hemm persuna mejta li digà kienet ittiehdet minn fuq il-post. Jghid li seta' jinnota li l-post kien Skola Sekondarja tal-Gvern u li kien gholi madwar tliet (3) sulari. Jixhed li mal-faccata kien hemm zewg (2) pontijiet imdendlin. Jixhed li wiehed minnhom kien ghadu mdendel b'mod orizzontali filwaqt li t-tieni wiehed kien qieghed imdendel bil-habel tieghu kwazi jmiss mal-art. Bhala referenza x-xhud qieghed jirreferi ghar-ritratt a fol. 56 tal-atti processwali. Jixhed li l-vittma kien certu Ibrahim Kasim (ID 116235A) u li l-harness li kien qieghed juza l-vittma kien tnizzel mill-Pulizija minn fuq il-bejt.

Dan ipprezenta sett ta' ritratti li juru l-kundizzjoni tas-sit mertu tal-kawza b'dana li jidher bic-car diversi nuqqasijiet ghal dak li ghandu x'jaqsam is-sahha u s-sigurtà. Jixhed li ezempju minnhom hu l-fatt li ma kienx hemm poggaman fuq it-turgien kif ukoll il-fatt li scaffolding kien mibni b'mod hazin. Jikkonferma li x-xoghol kien qieghed isir mal-iskola kollha u cioè gewwa kif ukoll barra.

Ikompli jghid li t-terminu kostruzzjoni jinvolvi anke refurbishment, tibjid, tikhil u kisi. Jixhed li ai termini tal-Avviz Legali 281 tal-2004 hemm bzonn li l-klijent (f'dan il-kaz Foundation of Tomorrow Schools) ghandu jappunta project supervisor fl-istadju tad-disinn. F'dan l-istadju din il-persuna jkollha bzonn tipprepara d-dokumentazzjoni u l-kundizzjonijiet u r-rekwiziti li hemm bzonn ghas-sit ta' fejn ser isehh ix-xoghol. Jixhed li l-istess ghandu jsir fl-istadju ta' kostruzzjoni u cioè li jigi appuntat project supervisor. Jghid li xoghol din il-persuna hekk appuntata huwa li jivverifika li kollox qieghed isir skont il-linji gwidi tas-sahha u s-sigurtà. Jikkonferma li l-project supervisors fl-istadju tad-disinn kienu l-istess fl-istadju tal-kostruzzjoni fil-kaz *de quo* u cioè Joseph Gili u Victor Vella. Jghid li dan huwa rifless skont Health and Safety Plan li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. CC3.

Izid jghid li Joseph Gili wettaq diversi rapporti li ntbaghtu lill-klijent u cioè lill-Foundation of Tomorrow Schools kif ukoll lil Christopher Schembri. Tali rapporti kienu jiddettaljaw diversi nuqqasijiet sabiex jigu kkunsidrati u jinghataw priorità. Jixhed li dakinhar li mar fuq is-sit hu nzerta lil Peppo Guliani li kien il-project manager ghall-FTS u nfurmah verbalment li x-xoghlijiet ghandhom jitwaqqfu sakemm isiru x-xoghlijiet remedjali necessarji sabiex jigi fi stat sigur. Jixhed li x-xoghlijiet rimedjali saru izda ma jafx minn min stante li kien responsabilità tal-FTS sabiex jaraw kif ghandhom jimxu.

Illi xehdet <u>l-Ispettur Priscilla Caruana</u> li tghid li fl-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena 2014 kienet stazzjonata l-Ghassa ta' Birkirkara u kienet giet infurmata li kienet waqghet persuna ta' nazzjonalità Sirjana mill-iskola ta' Ta' Paris, Birkirkara. Tghid li hi infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa u cioè Magistrat Dr Francesco Depasquale fejn hatar diversi esperti fosthom lil Dr Robert Musumeci, Dr Mario Scerri, PS 385 fi hdan is-SOCO kif ukoll il-Professur Marie Therese Camilleri u Dr Ali Sarfraz ai fini tal-awtopsja fuq il-vittma Ibrahim Kasim. Tixhed li kien hemm oggetti li gew elevati minn Dr Robert Musumeci fosthom il-habel.

Illi xehed <u>Shylon Muscat</u> li jghid li hu jokkupa l-kariga ta' Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà. Jixhed li fl-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena 2014 gie infurmat li kien sehh incident gewwa l-iskola sekondarja Vincenzo Borg Braret, Triq Ta' Paris, Birkirkara. Jghid li din l-infomazzjoni giet mill-Ispettur Priscilla Caruana. Jghid li hu flimkien ma' Clint Cachia marru fuq il-post u kif waslu gew infurmati li kien miet certu Ibrahim Kasim. Jikkonferma r-ritratti mmarkati bhala Dok. CC1 stante li kien hu li hadhom. Jikkonferma l-istess fir-rigward tar-ritratti mmarkati Dok. CC2.

Illi xehed <u>il-Perit Samuel Formosa</u> li jghid li huwa c-Chairman tal-Fondazzjoni tal-FTS. Jixhed li fis-sena 2014 kien jokkupa l-istess kariga fi hdan il-fondazzjoni. Izid jghid li x-xoghol amministrattiv ta' kuljum huwa f'idejn certu Anthony Muscat. Jghid li rigward it-tender tal-iskola mertu tal-kawza ma jidholx fir-rekwiziti tad-dokumenti. Jghid li però jinghata informazzjoni rigward il-process. Jikkonferma li t-tender inghata lis-socjetà World Plastering Limited. Jghid ukoll li hu kien gie infurmat x'kien gara dakinhar.

Illi xehed **Anthony Muscat** li jokkupa l-kariga ta' Chief Operating Officer fi hdan il-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Ghada. Jikkonferma li kien jokkupa l-istess kariga fl-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena 2014. Jixhed li f'dik id-data kien gie infurmat dwar il-mewt tal-vittma. Jixhed li l-FTS kienet tat ix-xoghol fuq l-iskola tramite tender liema tender giet ipprezentat u mmarkat bhala Dok. AM1. Jixhed li kienet harget offerta pubblika u minn hemm it-tender inghata lil World Plastering Limited. Jghid ukoll li x-xoghol kien jirrikjedi kisi u tibjid gewwa l-iskola ta' Borg Braret, Birkirkara. Jixhed li meta sehh l-incident hu ma kienx fuq il-post u li hu ma jaf xejn dwar il-vittma. Izid jghid li waqt l-inkjesta l-Fondazzjoni kienet irrapprezentata mill-Health and Safety Officer u cioè certu Joseph Gili. Jikkonferma li wara li kienet inghalqet l-inkjesta x-xoghol tkompla mill-World Plastering Limited.

Illi xehed **Dr Robert Musumeci** li jghid li kien esebixxa oggetti elenkati f'dokument immarkat Dok. RM1 fl-ghaxra (10) ta' Settembru 2014 fl-atti tal-inkjesta.

Illi xehed **Kevin Gauci** li jghid li hu kien ufficjal tal-Ghassa meta rcieva telefonata mill-Ghassa ta' Birkirara li infurmatu rigward incident li sehh. Jghid li min ikkomunika mieghu xtaq ikun jaf jekk kienx inhareg stop notice. Jippreciza li hu jahdem bhala Ufficjal ghas-Sahha u Sigurtà. Jghid li dan l-istop notice gie kkonfermat minn shabu li marru fuq il-post fejn sehh l-incident. Jixhed li hu ma kellux rwol fl-investigazzjoni.

Illi xehed **Joseph Gili** li jghid li hu ggradwa f'Occupational Health and Safety. Jghid li certu Sur Muscat inkarigah sabiex ikun il-Project Supervisor fuq il-progett tal-kaz *de quo* u dan ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Health and Safety. Jghid li hu kellu jirrapprezenta lill-klijent li f'dan il-kaz kien il-Foundation for Tomorrow School. Jghid li rigward rapporti dawn bdew f'Mejju tas-sena 2014 u kienu jsehhu b'dana li jwettaq spezzjonijiet bejn darba (1) u tliet (3) darbiet fil-gimgha. Jixhed li darba fil-gimgha kien jigi mwettaq rapport. Izid jghid li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2014 kienet sehhet spezzjoni u fil-fatt kien anke hejja rapport liema rapport gie pprezentat bhala Dok. JG1. Ikompli jixhed li dan ir-rapport jikkontjeni nuqqasijiet kbar li seta' jara u cioè l-istat dizastruz ta' scaffoldings kif ukoll nuqqas ta' lqugh fejn bniedem seta'

potenzjalment jaqa' minn turgien, working platforms kif ukoll shafts. Jghid li apparti r-rapport tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2014 hu rrediga rapport datat il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2014.

Jixhed li dakinhar li sehh l-incident hu kien mar fuq il-post u filwaqt li ma wettaqx investigazzjonijiet hu seta' jara x'kien gara. Jghid li r-rapporti li kien jipprepara kien jibghathom lill-klijent tieghu kif ukoll lill-kuntratturi li kienu jkunu fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Wiehed mill-kuntratturi kien l-akkuzat Christopher Schembri. Izid jghid li lill-akkuzat Christopher Schembri kemm-il darba ltaqa' mieghu fuq is-sit tal-kostruzzjoni u tah parir ta' x'ghandu jaghmel biex itejjeb l-ambjent ghal dak li jirrigwarda s-sahha u s-sigurtà.

Inkontroezami jixhed li fir-rapporti tieghu kien jissuggerixxi x'ghandu jsir fosthom li l-iscaffolding ikun iccertifikat u li t-turgien ikunu maghluqin bil-poggamani. Jippreciza li ghax-xoghlijiet li kienu jsiru fuq il-faccata tal-iskola kien jirrakkomanda li bhala mod prattiku l-iscaffolding ikollu full flooring, lqugh wara

dahru kif ukoll access adegwat bit-tarag. Jixhed li jekk scaffolding ikollu certifikazzjoni li huwa sigur allura l-haddiem ma jkollux bzonn juza harness. Jghid li hu ma rax il-pont jintuza mill-haddiem meta kien imur fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

Illi xehed <u>**il-Perit Victorio Bonavia**</u> li jghid li fl-ewwel (1) t'Awwissu 2014 kien impjegat bhala perit ghal Fondazzjoni ghal Skejjel t'Ghada. Jikkonferma li fil-hin li sehh l-incident hu ma kienx fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Jixhed li meta wasal fuq il-post seta' jara l-vittma mal-art u fallakka ma' genbu kif ukoll il-hbula. Jixhed li habel deher li tqatta'. Jippreciza li xoghlu kien iktar jikkoncentra fuq disinn u applikazzjonijiet li jirrelataw mal-ippjanar. Jixhed li hu u l-kollegi kienu jaghmlu supervizjoni fuq is-sit stante li kellhom site supervisor. Jghid li xoghol dan is-site supervisor, u cioè Joseph Giuliano, kien li jsegwi x-xoghlijiet. Jixhed li kien hemm certu Sur Gili li kien project supervisor ai fini tas-sahha u s-sigurtà. Jghid li minkejja li ma jafx min kien akkwista t-tender, jaf li l-kumpanija World Plastering Limited kienet qieghda tiehu hsieb ix-xoghlijiet tal-progett. Jixhed li l-akkuzat Christopher Schembri kien direttur ta' din is-socjetà. Jixhed li ma jiftakarx jekk qattx gibed l-

attenzjoni lill-haddiem rigward il-metodologija tax-xoghlijiet. Jixhed li skont hu x-xoghol kien qieghed isir sew.

Inkontroezami jghid li hu kemm-il darba mar fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Izid jghid li ma jiftakarx li r-rapporti tas-Sur Gili kinux jaslu ghandu direttament jew s'ghand is-CEO. Jikkonferma però li r-rapporti esebiti a fol. 343 et sequitur tal-atti processwali kien ircevihom. Jixhed li stante li saru dawk ir-rapporti kien iqis li kellu jkun il-kuntrattur li jiehu passi fuqhom.

Illi xehed <u>PS 950 Alan Buhagiar</u> li jghid li fl-ewwel (1) t'Awwissu 2014 ghall-habta ta' nofsinhar gie infurmat mill-Ghassa ta' Birkirkara li gewwa l-iskola li tinsab f'Ta' Paris maghrufa wkoll bhala l-Kullegg ta' Santa Teresa kien waqa' persuna. Jixhed li flimkien mal-kollega tieghu accedew fuq is-sit fejn sehh l-allegat incident u mill-istharrig li ghamlu rrizulta li l-vittma kien ta' nazzjonalità barranija u waqt li kien qieghed jiksi fuq tavlun, tqaccat habel u l-istess vittma waqa' tliet (3) sulari. Jixhed li fuq il-post inzerta ambulanza mmexxija minn nurse Pia Gauci li hadet il-vittma lejn l-Isptar Mater Dei. Jixhed ukoll li gew ikkuntattjati l-

ufficjali tas-Sahha u s-Sigurtà u rrikorrew fuq il-post. Izid jghid li hu hejja r-rapport esebit u mmarkat bhala Dok. AB1 u aktar investigazzjonijiet saru mill-Ispettur Priscilla Camilleri. Jixhed li hu kien kellem lill-akkuzat Christopher Schembri u li kienet kellmitu wkoll l-Ispettur Priscilla Camilleri.

Illi xehed <u>Victor Vella</u> li jghid li hu u zewg (2) kollegi ohra jaghmlu xoghol ta' Health and Safety u li fil-kaz *de quo* kien il-kollega tieghu li kien qieghed jiehu hsieb. Jixhed li ma kienx mar fuq il-post fejn sehh l-incident.

Illi xehed <u>Joseph Giuliano</u> li jghid li dak iz-zmien li sehh l-incident kien ghadu jibda jahdem mal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel t'Ghada u parti mix-xoghol tieghu kien site officer gewwa l-fond ta' Birkirkara. Jixhed li d-data ma jiftakarx x'kienet u li kien prezenti wara li sehh l-incident. Xoghlu kien sabiex jikkordina l-kuntratturi u li jara li x-xoghol jigi assenjat u jsir b'mod sew. Jixhed li lill-akkuzat Christopher Schembri jafu peres li huwa l-kuntrattur tas-sit. Jixhed li Christopher Schembri kien gie mqabbad sabiex jiksi u jizbogh kemm gewwa l-binja kif ukoll barra l-binja. Jixhed li l-binja

kienet l-iskola ta' Birkirkara bl-isem ta' Borg Braret. Jghid li s-sena li fiha sehh l-incident kienet 2014.

Illi rega' xehed **Joseph Gili** riprodott mill-prosekuzzjoni u inkontroezami. Jghid li hu ltaqa' mal-akkuzat Christopher Schembri kemm-il darba fuq is-sit kif ukoll ma' wiehed mill-akkuzati l-ohra. Jixhed ukoll li meta kien imur fuq il-post kien isir xoghol manwali. Jippreciza li hu kien jikkomunika l-iktar mal-Project Manager u cioè Joseph Giuliano. Jixhed li hu kien jiccirkola emails rigward nuqqasijiet li sab fuq is-sit tal-kostruzzjoni u kien jinkludi lill-akkuzat Christopher Schembri stante li kellu obbligu jinforma lill-kuntrattur. Jixhed li Joseph Giuliano kien infurmah li l-kisi kien f'idejn is-socjetà World Plastering Limited. Jixhed li skont hu l-haddiema li kienu qeghdin jaghmlu l-kisi tqabbdu minn World Plastering Limited. Ipprezenta sett ta' ritratti kollettivament immarkat bhala Dok. JGX.

Illi rega' xehed **Anthony Muscat** riprodott mill-prosekuzzjoni u jghid li d-dokument a fol. 163 tal-atti processwali huwa vera kopja tal-original.

Illi rega' xehed <u>Clinton Cachia</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li jghid li dakinhar li kien sehh l-allegat incident hu kien sab lil Ahmed Ali kif ukoll lil Fahed Ajjan li kienu qeghdin jahdmu fuq l-istess sit. Jixhed li ma ndagax kemm kienet tkun il-paga ta' Ahmed Ali u Fahed Ajjan. Ipprezenta stop orders immarkati bhala Dok. CCX u CCY. Ikompli jixhed li kif kien fuq is-sit tal-kostruzzjoni wettaq spezzjoni u sab li kien hemm diversi nuqqasijiet assocjati mal-waqghat mill-gholi.

Jixhed li kien hemm turgien, li l-maggor parti ma kellhomx poggamani, kien hemm trufijiet li ma kellhomx xi tip ta' fencing u kien hemm scaffoldings li ma kinux armati sew. Jghid li l-istop order hareg sabiex isiru rimedji halli s-sit tal-kostruzzjoni jkun sigur. Jixhed li fir-ritratti numerati wiehed (1), tnejn (2) u erbgha (4) jidher bic-car li ma hemmx poggaman fejn it-turgien. Fir-ritratti numerati tlieta (3), hamsa (5), sitta (6), tmienja (8) u hdax (11) l-iscaffolding mhux armat kif jitlob is-sengha u l-arti tax-xoghol. Ikompli jixhed li r-ritratti numerat sebgha (7) u ghaxra (10) u tnax (12) juru zoni fejn ma kienx hemm ilqugh sabiex jipprevjenu l-waqghat mill-gholi. Jixhed li kienu r-ritratti numerati tlettax (13) u hmistax (15) li juru tarag minghajr poggamani filwaqt li ritratti

numerati sbatax (17) u tmintax (18) juru nuqqas ta' tharis ghall-igene. Fuq dan l-ahhar punt jindika li kien hemm hmieg kif ukoll sejjieh li setghu jaqghu fuq il-haddiema.

Illi rega' xehed <u>Anthony Muscat</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li kkonferma l-firma tieghu fuq id-dokumenti a fol. 191 et sequitur tal-atti processwali. Jghid li dawn id-dokumenti huma l-ghotja tat-tender, in-notifika tal-istess tender kif ukoll notifika lill-kuntrattur sabiex jibda x-xoghol rikjest. Jixhed li kienet il-kumpanija World Plastering Limited li rebhet it-tender.

Illi xehed <u>Michael Sant</u> li pprezenta Occupational Health and Safety Declaration Waiver and Indemnity immarkat bhala Dok. MS1.

Illi xehdet <u>Dr Yanika Bugeja</u> li kienet giet mahtura minn din il-Qorti fl-ewwel (1) ta' Lulju 2019 sabiex taghmel traduzzjoni tad-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. MS1 mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija. Tali traduzzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. YB1.

Illi xehed <u>Nicholas Aquilina</u> inrapprezentanza tad-Dipartiment tal-Kuntratti li jghid li t-tender a fol. 163 tal-atti processwali ma nharigx mid-dipartiment tal-kuntratti stante li l-ammont ta' flus kien taht il-limitu stabbilit. Jghid li ghalhekk il-procurement tat-tender huwa amministrat mill-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Ghada.

Illi xehed <u>Franklin Calleja</u> bhala Assistent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li esebixxa esebit IA24 tas-sena 2015 li jirrigwarda l-mewt ta' Ibrahim Kasim u cioè Sirjan ta' tmintax (18)-il sena li miet wara waqgha mill-gholi waqt li kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni f'Birkirkara. Jikkonferma li l-esebit jikkonsisti fi xkora tal-plastik ta' lewn blu kontenenti habel ohxon kif ukoll envelope ta' lewn kannella li jikkontjeni zewg (2) mobile phones. Tali dokument gie mmarkat bhala Dok. FC1.

Illi xehdet is-<u>Supretendent Priscilla Caruana Lee</u> li tghid li ma tiftakarx jekk kinitx gabret il-habel minn fuq il-post hi u ghaddietx l-istess habel lill-espert mahtur Dr Robert Musumeci.

Illi rega' xehed <u>Clinton Cachia</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li jghid li r-ritratti a fol. 56 sa 71 tal-atti processwali kienu ttiehdu minnu stess kif ukoll minn kollega tieghu u cioè Shylon Muscat.

Illi xehed <u>Shylon Muscat</u> li jghid li r-ritratt a fol. 56 sa 71 tal-atti processwali kienu ttiehdu minnu stess kif ukoll minn kollega tieghu u cioè Clinton Cachia.

Illi xehdet <u>l-Ufficjali tal-Probation Sharlet Fabri</u> li pprezentat social enquiry report immarkat bhala Dok. SF1. Tixhed li mis-sejbiet taghha skopriet li l-akkuzat Christopher Schembri ghandu hajja stabbli ghal dak li ghandu x'jaqsam ix-xoghol kif ukoll il-familja. Tghid li l-istess akkuzat kellu problema ta' droga madwar sbatax (17)-il sena ilu. Tikkonferma li l-urine test li wettqet fuqu rrizulta fin-negattiv. Tikkonferma wkoll li l-akkuzat kien jiehu medicini relatati mas-sahha mentali. Tixhed li l-akkuzat huwa bniedem illitterat allura ammetta maghha li ma kienx jara emails izda minn mindu sehh l-akkadut sar joqghod attent rigward l-emails.

Illi xehed inkontroezami **Al Shekh Mohammad Ramadan** li jghid li hu kien habib tal-vittma. Jikkonferma li hu ma kellux x'jaqsam mal-post fejn sehh l-allegat incident. Jghid li meta mar fuq il-post fejn sehh dan l-incident, il-vittma ma kienx liebes harness minkejja li l-istess harness kien prezenti fuq is-sit. Izid jghid li l-harness kien fis-sular ta' fuq hdejn fejn kien qieghed jahdem il-vittma. Jixhed li l-vittma kien qallu li ma kienx ser jilbes il-harness stante li ma kellux distanza twila sabiex johrog jahdem.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **il-Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu dikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu ppruvati oltre' kull dubju ragjonevoli, cioè oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-kaz inezami jitratta fuq omicidju involontarju sancit mill-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed*

*minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87)".*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta digà ppronunzjat ruhha fuq kawza simili ghal dik odjerna fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Adrian Zammit** deciza fit-22 ta' Jannar tas-sena 2024. Tali sentenza rriteniet hekk:

*Illi l-Artikoli 225 tal-Kodici Kriminali li bih gie akkuzat l-imputat, jirrigwardjaw reati fejn persuna tmut jew tkorri minhabba traskuragni, nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Dak li issa trid tara din il-Qorti huwa, jekk tressqux provi li kien hemm rabta bejn l-imputat u l-event dannuz. Dak li din l-Qorti trid tara huwa, jekk kienx hemm xi nuqqas t'osservanza da parti tal-imputat, tar-*

*regolamenti applikabbli, jew xi nuqqas ta' hsieb u/jew traskuragni.*

*F'dan l-isfond, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Frar, 2020, fl-ismijiet,* ***Il-Pulizija vs Joseph Cortis****. F'dik is-sentenza saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:*

*…*

*Saret referenza wkoll ghall-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-* ***Pulizija vs Richard Grech****, deciz fil-21 ta' Marzu, 1996, fejn intqal: -*

> *Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament*

*f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil- kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet billi ghamlet referenza ghall-Appell Kriminali,* ***Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg****, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-31 ta' Lulju, 1998, fejn gie osservat : -*

*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti,*

*konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.*

*Dik il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ukoll ghal dak li l-Professur Sir Anthony Mamo jghid, fin-Noti tieghu f'pagna 67: -*

*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable...The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable*

*in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione – 1127 pagna 46 jghid hekk:

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Il-gurist Taljan Francesco Carrara (Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.) jghid hekk dwar il-culpa:

*"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Illi huwa car li r-regola generali hija li l-Prosekuzzjoni ghandha tressaq bizzejjed provi sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li hemm ezistenti ness bejn in-nuqqas da parti tal-imputati qua persuni li jhaddmu, li jzommu l-haddiema taghhom 'il boghod minn kwalunkwe periklu fuq il-post tax-xoghol.

Illi referenza qieghda ssir ghal dak li tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Norbert Grixti*** deciza fit-13 ta' Lulju tas-sena 2023 fir-rigward tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-isfond tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Illi l-aggravji tal-appellant huma li l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan ghaliex hu ma kienx jahti kriminalment tenut kont li mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ma rrizulta ebda nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti u fil-professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Jishaq li l-Prosekuzzjoni sahansitra ddeskrivietu bhala "pijunier fil-Health and Safety fuq il-post tax-xoghol u dan ghall-isforzi tieghu fis-settur". Jghid li minkejja li l-incident sehh fil-21 ta' April 2009 pero' l-ewwel smigh il-Qorti kien fit-12 ta' April 2012 liema dewmien, skont hu, juri li l-Prosekuzzjoni kienet ezitanti ferm milli tipprocedi kontra tieghu. Jghid li barra dan l-Ewwel Qorti naqset meta ma zammet l-ebda access fuq il-post tax-xoghol u li r-ritratti u l-brochures li l-*

*Ewwel Qorti strahet fuqhom ma kienux jikkostitwixxu l-ahjar prova.*

*...*

*Illi b'riferenza ghall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Dicembru 2019 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Mario Gatt*** *(Numru 209/2019), liema sentenza ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Richard Grech*** *(per Imhallef V. De Gaetano) li giet moghtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn inghad hekk:*

> *"jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setghu jikkahunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, però, il-hsara*

*tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta."*

*Illi sentenza ohra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu ghandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** (per Imhallef Dr. J. Flores) li giet moghtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn inghad hekk:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis*

*tar-regolamenti - __li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju.__*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)."*

…

*Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre'*

*(Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghall-konsegwenzi dannuzi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, cioè l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati.*

*Fil-fatt jghid hekk:*

> *"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o*

*meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."*

Ghalhekk, skont it-teorija oggettiva, abraccjata mill-Antolisei, u anke riprodotta in parte sa certu punt f'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs</u>**

<u>Richard Grech</u> deciza fil-21 ta' Marzu 1996, sabiex treggi l-kulpa, hemm bzonn biss is-segwenti zewg konsiderazzjonijiet:

*““(a) li l-agent hu l-kawza efficjenti jew effettiva ta' l-event; u (b) li l-kondotta tieghu jew mezz minnu adoperat hu kontra l-ligi.*

*Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temergi meta fil- kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta tal-agent, l-akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibli, u, b'dana kollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jigrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) ghalhekk hi forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), cjoe` dik tal-prevedibbli imma mhux previst, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta', u tikkonfina mad-doluz.”*

Illi finalment dak li l-Qorti trid tasal hu li "il giudice deve, altresi', accertare, sulla base di indici di rimproverabilita' ed evitabilita', che una condotta appropriate avrebbe evitato l'evento. . ." (Cassazione Penale, 12 Ottobre 2007, n. 37606 rappurtat fil-Codice Penale e delle Leggi penali speciali – Annotato con la giurisprudenza (2012) Roberto Garofoli).

Illi din il-Qorti trid tqis id-dinamika ta' din l-operazzjoni ta' xoghol. Hareg bic-car li l-imputat Christopher Schembri huwa d-direttur tal-socjetà World Plastering Limited liema socjetà akkwistat it-tender minghand il-klijent il-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Ghada sabiex tiffinalizza xoghlijiet fis-sit fejn sehh l-allegat incident. Hag'ohra li harget mill-provi hija l-fatt li ma kien hemm xejn x'jindika li l-vittma kien impjegat tal-imputati Ahmed Ali u Fahed Ajjan u l-provi prodotti huma monki minn dan in-ness bejn dawn it-tnejn u l-vittma. Kulma hareg mill-provi huwa li dawn it-tnejn kienu prezenti fuq il-post meta gara l-incident fatali u xejn aktar.

Illi minkejja li gie allegat minn diversi xhieda li l-akkuzat Christopher Schembri qabbad lil Ahmed Ali u Fahed Ajjan bhala sub-kuntratturi dan ma harigx mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni. Di più referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Joseph Saliba li kkonferma li l-ebda mill-partijiet ghajr ghal Christopher Schembri ma tela' fis-sistema tal-istorja tal-impjieg. Illi qatt ma gie kkontestat mid-difiza però li l-vittma kien qieghed jahdem fuq is-sit ta' kostruzzjoni u ghalhekk iregi li l-istess vittma kien fl-impjieg mal-kuntrattur Christopher Schembri.

Illi din il-Qorti tippremetti illi tul dawn il-proceduri hareg kemm-il protokoll uzat mill-persuni li kellhom interess f'dan is-sit ta' kostruzzjoni kien wiehed disfunzjonat u kaotiku. F'dan il-qasam hemm gerarkija li ghandha tigi segwita li tibda mill-izviluppatur, isegwi l-perit tal-progett u finalment hemm il-bennej jew f'dan il-kaz il-persuna li kienet qieghda tikkompleta l-fond. Jekk aspett minn din il-gerarkija tonqos minhabba xi ommissjoni jew negligenza, jista' jkun hemm konsegwenzi tragici bhal ma gara f'dan il-kaz.

Illi madanakollu, tenut kont illi din il-Qorti hija Qorti ta' indoli kriminali, ghandha tevalwa l-evidenza mpoggija quddiemha b'mod li ghandha tasal ghal konvinciment morali tal-kolpevolezza tal-imputati oltrè d-dubju dettat mil-ligi.

Dan qed jinghad ghaliex kif intqal gustament fis-sentenzi kkwotati aktar 'il fuq f'din is-sentenza, biex jigi ppruvat l-omicidju involontarju jrid jigi ppruvat ness bejn l-imputati u l-vittma kif ukoll ness bejn l-agir jew l-omissjoni tal-imputati u l-kawzalità fatali.

Illi huwa car li dan l-incident sfortunat sehh anke minhabba l-fatt li l-vittma kien qieghed jahdem gewwa sit fejn il-periklu kien ezistenti ma' kull pass li kien qieghed jiehu. Ampja referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Clinton Cachia fit-2 ta' Lulju 2018 li spjega b'mod dettaljat in-nuqqasijiet li seta' jara meta mar fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Tali nuqqasijiet kienu jinvolvu nuqqas ta' poggamani, il-prezenza tal-blat li seta' kien perikluz, kif ukoll scaffolding fi stat prekarju. Illi din ix-xhieda qatt ma giet ikkontestata jew imxejna mid-difiza.

Illi min-naha l-ohra l-imputat Christopher Schembri ma kkonvinca bl-ebda mod lil din il-Qorti li kien qieghed jagixxi ghal kull rakkomandazzjoni li kienet qieghda ssir gimgha wara gimgha mill-ufficjal tas-sahha u s-sigurtà Joseph Gili. Referenza fil-fatt qieghda ssir ghan-numru ta' emails li ntbaghtu li jinsabu a fol. 343 *et sequitur* tal-atti processwali fejn huwa kien qed ikun ikkupjat ghal kull haga li kien qed jigri. Illi mhix skuza da parti tieghu li jghid mal-Probation Officer li ghax hu llitterat ma kienx jaghti kaz l-emajls ghaliex wara qal ukoll illi llum il-gurnata dawn l-emajls qed jarahom u jaghti kashom.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li l-imputat messu kien jaf li kellu jiehu azzjoni immedjata fuq tali emails anke bl-ghajnuna ta' xi hadd iehor jekk verament huwa lliterat. Ghalhekk fuq dan l-ahhar punt din il-Qorti ghandha riservi stante li wara kollox l-imputat kien ferm kapaci li jittrasferixxi l-ishma tal-kumpanija filwaqt li anke jirregistra tali kumpanija mal-MFSA.

Illi kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel f'din is-sentenza hargu diversi nuqqasijiet fuq is-sit tal-kostruzzjoni li ghalihom ghandu jwiegeb

il-kuntrattur. Wara kollox referenza qieghda ssir ghat-tender esebit a fol. 163 tal-atti processwali fejn gie kkonfermat dan li gej:

> *"The Contractor acknowledges that he is tendering to perform works/deliver items as detailed in the tender document as contractors for the Foundation for Tomorrow's and that for all intents and purposes at law the Contractor shall/is responsible to ensure that health and safety obligation in respect of its employees and any third parties accessing the site described above shall be/are respected in full at all times including during the use of machinery and equipment.[9]"*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fuq l-ewwel (1) akkuza fil-konfront tal-akkuzat Christopher Schembri.

**IKKUNSIDRAT**

[9] Fol 165 tal-atti processwali

Illi l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-Awtorità ghas-Sahha u Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol jiddefinixxi "haddiem" u "min ihaddem" bis-segwenti:

*" "haddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min ihaddem biex taghmel xoghol, jew li tipprovdi servizz lil persuna ohra taht kuntratt ta' servizz jew ghal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, izda ma tinkludix l-ekwipagg ta' bastiment registrat Malta jew kull persuna ohra impjegata fuqu bhala parti mill-ekwipagg kollu tal-bastiment;*

*""min ihaddem" tfisser il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizzi, u*

*(a) ghal dak li jirrigwarda xoghol maghmul taht kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur,*

*izda ma tinkludix id-diretturi, managers, socji jew sidien, okkupanti jew possessuri li ghalihom ikun qed isir ix-xoghol, minbarra fil-kaz fejn ghodod, materjal jew taghmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu maghrufa u ma gewx indikati, jew li setghu ikunu maghrufa;*

*(b) ghal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-ohra kollha, inkluzi dawk volontarji, jew ghal dak li jirrigwarda xi forma ohra ta' impieg taht kuntratt ta' servizz, tinkludi kull wahda mill-persuni li tidderiegi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-tregija ta' kuljum".*

Illi kwindi, minn qari akkurat ta' dawn iz-zewg definizzjonijiet, johrog car illi jrid ikun hemm xi rabta kuntrattwali bejn il-haddiem u min ihaddem sabiex ikun hemm responsabilitajiet kriminali taht dan l-Att jew ligijiet li jaqghu tahtu.

Illi fil-kaz de quo jirrizulta illi ma gie ppruvat l-ebda ness kuntrattwali bejn il-vittma u z-zewg (2) imputati Ahmed Ali u

Fahed Ajjan. Is-sitwazzjoni a rigward l-imputat Christopher Schembri hija pjuttost differenti u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tanalizza n-nuqqasijiet allegati mill-prosekuzzjoni.

Illi nuqqas iehor li sar minn Schembri kien li bhala kuntrattur jara li kull makkinarju li qed jintuza mill-haddiema tieghu fuq is-sit kien adegwat u b'certifikazzjoni. Illi rrizultaw diversi nuqqasijiet ghal dak li ghandu x'jaqsam l-iscaffolding madwar il-post fejn sehh l-incident. Gie kkonfermat diversi drabi mix-xhud Clinton Cachia fis-seduta datata 2 ta' Lulju 2018 li tali scaffolding ma kienx certifikat u f'diversi okkazjonijiet ma kienx strutturat sew.

Illi di più l-Qorti taghmel taghha l-osservazzjonijiet tal-espert Dr Robert Musumeci fejn ikkonkluda hekk a fol. 245 tal-atti processwali:

> *"In konkluzjoni il-perit esponenti jirrileva li huwa tal-fehma li l-pont ceda appuntu ghaliex il-habel kien gia mittiekel kif jirrizulta evidenti mir-ritratti esebiti ma din ir-*

*relazzjoni u l-habel innifsu li kien elevat u qed jigi esebit flimkien ma' din ir-relazzjoni. Dan l-incident seta' probabilment jigi evitati kieku l-habel li kien qed izomm ir-ras tat-tavllun mill-estrem tax-xellug ma nqatax, u dan anke jekk kif osserva **JOSEPH GILI (ID 304572(M)),** ix-xoghol messu sar permezz ta' scaffolding jew cherry picker"*

Illi kien ghalhekk li din it-tragedja setghet tigi evitata li kieku sar l-iskrutinju necessarju.

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Orazio (Grazio) Vella</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal hekk:

*"41. Issa filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta huwa t'indoli generali u jimponi l-obbligi fuq min ihaddem minghajr ma jidentifika b'mod preciz x'inhuma dawk il-mizuri fl-ispecifiku li jehtieg li jittiehdu, l-Avviz*

*Legali 88 tal-2018, fis-Sezzjoni II Pari B tal-Raba' Skeda taghha, u liema Avviz Legali kien dahal fis-sehh fl-1 t'Awissu 2018, jindika b'mod ezwarjenti x'inhu dak it-taghmir li jrid jintuza sabiex jigu evitati waqghat mill-gholi kif ukoll x'mizuri jridu jittiehdu ghall-istess skop:*

*Waqghat mill-gholi*

*5.1. Ix-xoghol fil-gholi ghandu jigu ppjanati sew u mwettqa fuq il-bazi tal-htigijiet tal-artikolu 6(2) tal-Att u r-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali għas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xoghol, (L.S. 424.18).*

*5.2. Fejn isir ix-xoghol fil-gholi, kull min ihaddem u, jew il-persuna impjegata ghal rasha, ghandhom jiehdu mizuri*

*xierqa u sufficjenti biex jipprevjenu **kull persuna**[10] li taqa' distanza li tista' tikkawza dannu personali.*

*5.3. Fil-principju, xoghol fil-gholi ghandu jitwettaq biss b'taghmir xieraq jew li jintuzaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bhal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma wzati, dawn ghandhom ikunu solidi, gholjin bizzejjed u jkollhom almenu zokklu, poggaman principali u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Jekk l-uzu ta' taghmir bhal dan ma jkunx possibbli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom jigu pprovduti mezzi xierqa ta' access u arnez tas-sigurtà jew metodi ohra ta' ankoragg ghandhom jintuzaw.*

*5.4 Ilqug protettiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandu jigi mwahhal madwar garigori, turgien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fethiet u f'xi oqsma ohra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawza hsara*

[10] Emfazi ta' din il-Qorti

***personali, jew li jaqghu gewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-gharqa jew korriment serju. Ilqugh prottetiv, barrieri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' gholi adegwat, u ta' sahha adegwata ghall iskop li huma uzati. Rpar, barriri jew forma ohra ta' protezzjoni ghandhom ikunu mqieghda sabiex jevitaw safejn hu possibli l-waqgha tal-persuni. Meta l-gheluq huwa uzat, dan ghandu jkun jiftiehem b'mod li jipprevjeni l-waqa' ta' persuni, materjal jew oggetti, liema kopertura ghandha tkun kjarament mmarkata biex turi l-iskop taghha, tigi mwahhla sew fil-pozizzjoni, tkun ta' kostruzzjoni tajba u ta' sahha adegwata ghall-iskop li huma uzati[11]***

Illi huwa car li dawn id-dispozizzjonijiet gew ippromulgati sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet mhux biss tal-haddiema izda ta' **kull**[12] individwu fuq sit tal-kostruzzjoni.

[11] Emfazi ta' din il-Qorti
[12] Emfazi ta' din il-Qorti

Illi di più hareg il-fatt mhux kontestat ukoll li madwar is-sit tal-kostruzzjoni kien hemm nuqqas ta' lqugh u poggamani f'postijiet prekarjissimi u li tali nuqqasijiet gew a konjizzjoni ta' Christopher Schembri. Dawn id-dettalji fil-fatt jinsabu f'diversi emails li gew esebiti a fol. 343 *et sequitur*. Attenzjoni partikolari qieghda tingibed ghall-emails datati erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2014, l-ewwel (1) ta' Lulju 2014, tmienja (8) ta' Lulju 2014, hmistax (15) ta' Lulju 2014, tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2014 u disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2014. F'dawn l-emails hareg bic-car li l-imputat Christopher Schembri kien gie notifikat b'dawn in-nuqqasijiet

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi a rigward l-akkuzi li ghandhom x'jaqsmu mal-Ligi Sussidjarja 424.29 u 424.30, ghandu jinghad li tali ligijiet gew imhassrin permezz tal-Avviz Legali 88 tal-2018 u l-Avviz Legali 293 tal-2016.

Illi fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta dahlet f'iktar dettall fuq dan il-punt f'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena 2017 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Saviour Gaffarena et.*** Il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Virginia Mifsud**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:*

>> *"Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio,*

*si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale (traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo" paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) - Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);*

*Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**:*

*"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

1. *La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

*…*

2. ***Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente***

3. ***Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al***

*tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e ` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara` sempre applicata quella di qualita ` meno grave.*

*Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in*

*cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu ` reato: di logica, perche ` maggior mitezza puo ` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo ` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu ` che diminuire elimini qualsiasi pena"*[13]

Illi din il-Qorti analizzat bir-reqqa il-ligijiet sussidjarji kemm kif promulgat illum il-gurnata kif ukoll hekk kif kienet qabel ma gew revokati. Jirrizulta fil-fatt li l-legizlatur zied l-obbligi u r-responsabilitajiet fuq min ikun qieghed ihaddem in-nies fuq siti ta' kostruzzjoni.

[13] Emfazi tal-Qorti

Illi tenut kont tal-kazistika citata, kif ukoll dak li jtenni l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-istess imputati mis-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) u l-erbatax (14)-il akkuzi kif dedotti kontra l-imputati stante li l-Ligi Sussidjarja 424.29 u 424.30 gew revokati.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi fir-rigward il-piena din il-Qorti sejra tqis zewg (2) fatturi. L-ewwel u qabel xejn dak li gie konkluz mill-espert Dr Robert Musumeci u cioè li:

> *"Detto cio `, m'hemmx dubbju li l-vittma IBRAHIM KASM (ID 116235(A)) ghandu certu kontributorjeta ` f'dak li ghamel ukoll peress li hu ukoll kien involut fl-armar tal-pont u addirittura ma kienx liebes harness - ghalkemm supplita lilu - fil-hin ta'l-incident."*

Illi dan anke gie kkorroborat mix-xhud Al Shekkh Mohammad Ramadan li huwa l-habib tal-vittma u li xehed li l-istess vittma kien

qieghed juza l-harness. Jikkonferma li wara ftit kompla jahdem b'dana li ma uzax il-harness.

Illi fattur iehor li sejra tqis il-Qorti hija s-social enquiry report kif prezentat mill-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri li kkonkludiet hekk:

> *"Hekk kif prezentament ma jirrizultax li hemm problemi fil-hajja tal-imputat li jiddependu minnu, ikun tajjeb jekk Christopher Schembri jkompli jsostni l-aspetti pozittivi li ghandu f'hajtu fosthom ir-relazzjoni tajba mal-membri tal-familja immedjata tieghu u dan filwaqt li jiehu kull aspett tax-xoghol b'serjeta ` massima."*

Illi l-Qorti ssostni li n-negligenza kontributorja ma tezonerax kompletament lill-akkuzat u dan anke skont il-gurisprudenza tal-Qrati nostrana[14]. Di più din il-Qorti temmen li piena karcerarja zgur ma hiex ser taghmel gid lill-akkuzat Christopher Schembri u ghalhekk tali ragunament sejra tigi riflessa fil-piena.

[14] Il-Pulizija vs Joseph Sultana - Qorti tal-Appell Kriminali deciza 21 t'Ottubru 2011

<u>Piena u Ligi Applikabbli</u>

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2024 gie ppromulgat il-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar is-Sahha u s-Sigurtà Fuq ix-Xoghol) u dan permezz tal-Att XXXIII tas-sena 2024. Rigward id-data tal-infurzar ta' tali kapitolu referenza qieghda ssir ghar-regolament numru 46 (1):

*"Mad-dhul fis-sehh tal-Att tal-2024 dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq ix-Xoghol, il-Ministru responsabbli ghas-sahha u s-sigurtà fuq ix-xoghol jista', permezz ta' avviz jew avvizi fil-Gazzetta, jistabbilixxi d-data tat-thassir tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol:*

*Izda l-Ministru responsabbli ghas-sahha u s-sigurtà fuq ix-xoghol jista' permezz ta' dak l-avviz jew dawk l-avvizi fil-Gazzetta jistabbilixxi dati differenti ghat-thassir ta' dispozizzjonijiet differenti u, jew ghal ghanijiet differenti*

*tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol."*

Illi di fatti tramite l-Gazzetta tal-Gvern datat tlieta (3) ta' Dicembru 2024 gie kkonfermat li l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta gie mhassar filwaqt li l-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta' Malta gie ppromulgat bid-data tal-infurzar bhala dik tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2024. Ghalhekk il-piena applikabbli ghal kaz de quo huwa dak sancit mill-Artikolu 26(3) tal-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kwalunkwe persuna li twettaq reat kontra dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti maghmula tahtu ghandha, meta tinstab hatja, tehel prigunerija ghal terminu ta' mhux izjed minn sentejn (2), jew multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) izda li ma teccedix hamsin elf euro (€50,000) ghal kull reat li ghalih il-persuna tkun instabet hatja, jew kemm ghal dik il-multa u l-prigunerija. Fil-kaz li persuna tinstab hatja t-tieni darba jew sussegwentement, tali persuna ghandha tehel multa ta' mhux inqas minn elfejn euro*

*(€2,000) izda li ma teccedix hamsin elf euro (€50,000) ghal kull reat li ghalih il-persuna tkun instabet hatja, jew ghal prigunerija ghal terminu ta' mhux inqas minn sena (1) izda li ma jeccedix erba' (4) snin, jew kemm ghal dik il-multa u l-prigunerija. Il-Qorti tista', fuq talba tal-prosekuzzjoni, thassar jew tissospendi l-permessi kollha jew xi whud minnhom mahruga skont jew b'rabta ma' dan l-Att, inkluz permezz ta' regolamenti jew strumenti amministrattivi, jew il-licenzji jew il-warrants kollha jew xi whud minnhom mahruga lil jew f'isem il-persuna misjuba hatja b'konnessjoni mal-post tax-xoghol fejn ikun sar ir-reat".*

Illi ghalhekk huwa car li tali artikolu jistabbilixxi piena hafna aktar gravi minn dik sancit taht l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 424. Referenza qieghda ssir mill-gdid ghal dak li jtenni l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-piena l-iktar favorevoli tal-akkuzat.

**<u>Decide</u>**

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 12 u 14 tal-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta’ Malta (gia 6 u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta), l-Artikoli 4, 7 u 14 tal-Ligi Sussidjarja 646.06 (gia Ligi Sussidjarja 424.13), l-Artikoli 4, 5, 6, 10, 12 u 14 tal-Ligi Sussidjarja 646.11 (gia Ligi Sussidjarja 424.18), kif ukoll l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Ligi Sussidjarja 646.13 (gia Ligi Sussidjarja 424.21) u dan stante li d-dispozizzjonijiet marbutin mal-Kapitolu 646 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu kkunsidrati bhala komprizi fir-reat kif kontemplat taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

- Issib lill-imputat **Christopher Schembri** hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5), id-disa’ (9) u l-hmistax (15)-il akkuza u tikkundannah multa ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tal-akkuzi;

- Ma ssibx lill-imputati **Ahmed Ali u Fahed Ajjan** hatja stante nuqqas ta’ provi.

In oltrè, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Christopher Schembri** jhallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti parti mill-ispejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**